# SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 7
30 ta' Ġunju 2014

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

**Corporate sponsor:**

vodafone

microINVEST

*Inċentiv ta' Kreditu ta' Taxxa għas-Self Employed u Intrapriżi Żgħar*

# L-iskema tal-*MICROINVEST*

Merħba,

Din hi is-seba' pubblikazzjoni ta' din il-ħarġa speċjali, iddedikata għas-sidien ta' negozji żgħar f'pajjiżna.

Fl-aħħar pubblikazzjoni għaddejtilkom lista ta' numri ta' telefons importanti. Tajjeb li żżommuwha fejn issibuwha, sabiex b'hekk tiffrankaw ħafna ħela ta' ħin, meta tiġu bżonn tagħmlu xi kuntatt ma' xi entita' partikolari.

Illum ħassejt il-ħtieġa li ntikhom ftit informazzjoni fuq l-iskema tal-Gvern, li issa reġgħet ġiet estiża b'tibdil, li tiffavorixxi numru ta SME's.

Qed nirreferi għal-iskema *MICROINVEST*, li reġgħet ġiet riattivata b'avviż legali (A.L.187 tal-2014) ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP.463), ippubblikat fil-gazzetta tal-Gvern, fit-3 ta Ġunju 2014.

Għalkemm din l-iskema issa ilha fis-seħħ għal diversi snin, ħaġa tal-iskantament għadni niltaqa' ma' sidien ta' negozji żgħar li għadhom qatt ma applikaw għall benefiċċji li toffri din l-iskema, mhux għax ma humiex eliġġibbli, iżda għaliex għal xi raguni jew oħra jew qatt ma semgħu biha, jew qatt ma ippruvaw jindagaw kif huma jistgħu japplikaw u jgawdu mill-kreditu ta' taxxa li toffri din l-iskema.

Fi ftit kliem, il-*MICROINVEST* hija skema li toffri lill-*Employers* u lil dawk li jaħdmu għal rashom, benefiċċju ta' kreditu ta' taxxa li jista jlaħħaq sa €30,000 ewro jekk in-negozju hu irreġistrat f'Malta, u sa massimu ta' €50,000 ewro jekk in-negozju jkun reġistrat f'Ghawdex.

Eliġġibbli huma dawk l-intrapriżi kollha li jħaddmu magħhom sa anqas minn 30 persuna *fulltime*, u ma jeċċedux l-għaxar miljun ewro (€10,000,000) f'*turnover* jew total fil-bilanċ.

Nistedinkom biex tniżżlu dawn id- dokumenti relatati ma din l-iskema:

1. Avviż legali, li jispjega ir-regolament dwar il-kreditu ta' taxxa għall-intrapriżi mikro u persuni li jaħdmu għal rashom. Tax Credits for Micro-Enterprises and the Self-Employed Regulations (S.L. 463.09)

2. Linji gwida ta' l-iskema *Microinvest.* Incentive Guidelines

3. Informazzjoni dwar l-iskema http://www.maltaenterprise.com/en/support/microinvest

Għal aktar informazzjoni fuq din l-iskema partikolari, jew fuq skemi oħrajn tal-Gvern, nistedinkom tagħmlu kuntatt dirett mal-*Malta Enterprise*, jew mal-uffiċini tal-*Businessfirst* fi Gwardamangia.

Bħala uffiċċjal eżekuttiv tal-*SME HELPDESK* tal-MEA, nibqa inkun disponibbli sabiex kull fejn issibu diffikulta, jien inkun lest li nipprova ngħinkom mill-aħjar li nista'. Għalhekk tiddejqu xejn li tikkuntattjawni kull meta tħossu il-ħtieġa.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas ippermettuli bħas soltu nerġa infakkarkom li il-bibien ta' l-MEA huma dejjem miftuħa għalikom, jekk tiddeċiedu li tissieħbu magħna bħala membri.

Dan tistgħu tagħmluh billi, tibgħatu *email* fuq anton.vella@maltaemployers.com jew admin@maltaemployers.com inkella iċċemplu fuq in-numri tat-telefon tal-uffiċċju li huma 21222992 / 21237585, jew tħallu isimkom u t-telefon tagħkom fejn inkunu nistgħu nikkuntattjawkom, fuq it-24/7 *helpline answering machine* 21222006.

Grazzi u tislijiet

Anton

Anton Vella
*SME Helpdesk*

*Dan l-ispazju jista jiġi utiliżżat minnkom l-employers, sidien ta' negozji żgħar, li tkunu tixtiequ tirreklamaw is-servizzi jew prodotti tagħkom, ma' dawk kollha li jirċievu dan il-fuljett.*

*Jekk fil-ħarġa li jmiss tixtieq li dan l-ispazju ikun utilizzat minnek, u tikkontribwixxi permezz ta' reklam, jekk jogħġbok ikkuntatjani sabiex fuq bażi ta' first come first served inkun nista' nirriservah għalik.*

*Grazzi bil-quddiem.*

*Anton*